IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 19

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 8 ta' April 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatrur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 18**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G18 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 18

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 18** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 18

2.01 4.04 Is-Sindku informa l-laqgħa, li kien instab garaxx ġdid fi Triq Mons A. Buhagiar u li kien ser jinkera għas-somma ta' €920. Il-Kunsill qabel. — Terminazzjoni tal-kirja tal-garaxx tal-Kunsill

2.02 7.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li x-xogħlijiet f'dawn it-toroq kienu bdew. — Xogħlijiet ta' *extensive patching* f'diversi toroq



8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 7.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li x-xogħol fuq il-bandli kien inbeda. | Ħsara fil-bandli ta' Bir il-Ljun |
| ** | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija | |
| 2.04 | 13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet intalbet stima lill-kuntrattur il-ġdid. | Tidjiq ta' bankina fil-*Housing Estate* ta' Għajn Kajjet. |
| 2.05 | 13.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li mill-Kumitat tal-Festa ta' San Pawl ħadd ma kien attenda għall-*coordination meeting* li sar nhar it-Tlieta, 8 ta' April fis-13:00. | Talba għal laqgħa dwar il-proġett ta' Triq Santa Rita |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| ** | Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7:10 ta' filgħaxija. | |
| 3.01 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0543/14** is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ritratti li juru l-istat li tinsab fih it-Triq ta' Binġemma u d-Dwejra. Huwa ppropona li jsir *patching* f'dawn it-toroq. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għall-*patching* fi Triq ta' Binġemma u d-Dwejra |
| 3.02 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0436/14** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għat-tfal bl-isem 'iKIDS', għall-prezz ta' €1150. Is-Sindku ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. | Korsijiet tal-komputer 'iKIDS' |
| 3.03 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0441/14** is-Sindku informa l-laqgħa li il-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir qtugħ ta' ħaxix, *patching* u *traffic management system* fiż-żona ta' Santa Katerina. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji *traffic management plan* sabiex imbagħad tkun tista' ssir it-talba lil TM. Dwar il-qtugħ ta' ħaxix u l-*patching* il-Kunsill qabel u li dawn ix-xogħlijiet għandhom jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. | Talba għall-qtugħ ta' ħaxix, *patching* u *traffic management system* |
| 3.04 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0450/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand resident sabiex isir *fence* mad-dawra tal-ġnien t'Għar Barka. Dan ir-resident kien qed jilmenta li fl-aħħar xhur kienu qegħdin jaqbżu t-tfal għal ġor-residenza tiegħu, fost inkonvenjenzi oħra. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jsir dan il-*fence*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel. | Talba għall-*fence* mad-dawra tal-ġnien t'Għar Barka |
| 3.05 | Is-Sindku informa l-laqgħa li kienu ser jibdew jintbagħtu l-*Eco Wardens* fi Triq Ħad-Dingli, minħabba l-iskart li qiegħed jinħareġ qabel il-ħin u minħabba l-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li għandha issir talba sabiex l-Eco Wardens jibdew jintbagħtu wkoll fi Triq Santa Rita, Triq ir-Rebħa, Triq il-Kulleġġ u Triq Tabija ħdejn il-bring-in-sites. | Ronda mill-*Eco Wardens* f'diversi toroq |

## 4.00 Awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 232 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Pawlu Grech. Il-Kunsill qabel unanimament

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 232

## 5.00 Mozzjoni 01/14- 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat'

5.01 Il-Kunsillier Rudolf Grima ppreżenta mozzjoni 001/14 li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg u l-Kunsillier Ian Vassallo. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn l-minuti.

Mozzjoni 001/14 - 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat'

F'din il-mozzjoni l-Kunsillier Grima qiegħed jisħaq li fi Triq Santu Wistin hemm propjetà li qiegħda tkun ta' periklu għal terzi persuni, kif ukoll li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser ikollha tbiddel ir-rotta tagħha minħabba li qed issir ħsara estensiva lill-vari l-kbar. Fil-mozzjoni tiegħu l-Kunsillier Grima ppropona li jiġu ikkuntattjati s-sidien ta' din il-propjetà mill-Kunsill u jiġu wkoll notifikati l-awtoritajiet konċernati sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq din il-propjetà mill-aktar fis possibbli.

Il-Kunsillier Stephen Borg ikkonferma dak imsemmi mill-Kunsillier Grima.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li mhux kompitu tal-Kunsill li jfittex lil sid il-propjetà, iżda hija kompetenza tal-pulizija. Għaldaqstant talbet lill-Kunsillier Grima biex iforni l-indirizz sħiħ ta' din il-propjetà sabiex jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-każ ikun mgħoddi lill-pulizija.

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni unanimament.

## 6.00 Mozzjoni 02/14 –'Mozzjoni għal riallokazzjoni tal-monti minn Triq Pierre Muscat, Triq ta' Qasgħa u Triq Pawlu Inguanez'

6.01 Il-Kunsillier Rudolf Grima ippreżenta mozzjoni 002/14 li kienet issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo u l-Kunsillier Stephen Borg. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn l-minuti.

Mozzjoni 002/14 – 'Mozzjoni għal riallokazzjoni tal-monti minn Triq Pierre Muscat, Triq ta' Qasgħa u Triq Pawlu Inguanez'

F'din il-mozzjoni l-Kunsillier Grima ippropona li tiġi mibdula d-deċiżjoni meħuda f'Awwissu 2013 fejn kien approvat li l-monti jiġi trasferit għal Triq Pierre Muscat, Triq ta' Qasgħa u Triq Pawlu Inguanez minħabba l-proġett ta' Triq Santa Rita. Fil-mozzjoni qed jiġu proposti tliet siti alternattivi minħabba d-diversi ilmenti li saru mir-residenti ta' dawn it-toroq li huma:

- Triq tat-Tiġrija taħt is-Saqqajja
- Bitħa tal-iskola sekondarja (Kan P. Pullicino)
- Triq tal-Virtù mill-kantuniera tan-Nunzjatura 'l ġewwa direzzjoni tas-seminarju.

Il-Kunsillier Grima għamel aċċenn dwar l-importanza li l-Kunsill jisma' t-talbiet tar-residenti u jieħu ħsieb il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Hu saħaq li għalhekk kienet tressqet din il-mozzjoni.

Is-Sindku qal li kien fi ħsiebu jressaq dan is-suġġett għad-diskussjoni f'din is-seduta u għaldaqstant jara li l-aħħar sit minn dawk proposti jkun dak ta' Triq it-Tiġrija.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni u qabel li l-monti jmur fi Triq it-Tiġrija. Kien hemm qbil ukoll li t-triq tingħalaq minn ħdejn ix-Xara Lodge, sabiex it-traffiku jkun jista' jgħaddi minn Old Żebbuġ Rd.

**7.00 Ħruġ tal-offerta għal tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita**

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta għal tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita

**8.00 Ħruġ tal-offerta għal tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun**

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta għal tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun

**9.00 Ħruġ tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-kisi mill-ġdid ta' toroq bil-*crete print***

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-kisi mill-ġdid ta' toroq bil-*crete print*. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta tal-Kuntratt perjodiku għall-kisi mill-ġdid ta' toroq bil-*crete print*

**10.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' avukat**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' avukat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' avukat

**11.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti

**12.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' ġbir ta' annimali mejta**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-

Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-

provvediment ta' servizz ta' ġbir ta' annimali mejta. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament

provvediment ta' servizz ta' ġbir ta' annimali mejta

**13.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni**

13.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni.

**14.00 Tiġdid tal-offerta għall-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka - RLC/T/0105/12**

14.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq l-offerta RLC/T/0105/12 għall-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Kuntratt Perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka - RLC/T/0105/12

**15.00 Korrispondenza**

15.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Skema *A+ Accessibilty Award* u ta spjegazzjoni dwar x'tinvolvi din l-iskema. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill ma jieħux sehem f'din l-iskema.

Skema *A+ Accessibility Award*

15.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0494/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand resident fi Triq it-Tiġrija, fejn dan saħaq li fl-imsemmija triq kien qiegħed issir sewqan eċċessiv, u għaldaqstant ippropona li jsir xi tip ta' *sleeping policemen* li tkun tista' tinqala kull meta jkunu ser isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li TM issuġġeriet li l-aħjar li jsir huwa *speed limit signs* u *roundels*. Is-Sindku ppropona li jsiru *r-roundels*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Sewqan eċċessiv fi Triq it-Tiġrija

15.03 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill ilment mibgħut mingħand l-MTA rigward l-istat ħażin li tinsab fih il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li jawtorizza lill-*Contacts Manager* sabiex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jibdew jinħarġu d-*default notices* lil dawk il-kuntratturi li jonqsu milli jwettqu xogħolhom skont il-kuntratt stipulat tagħhom.

Rapport mingħand l-MTA rigward il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssuġġerixxa li jinbeda l-proċess sabiex tiġi introdotta *bye-law* li tirregola ħlas għal użu tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill qabel li din il-proposta titla' għad-diskussjoni f'seduta oħra.

15.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0430/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand l-avukat Chris Cilia għan-nom tas-Sinjura Galea, fejn din kienet qiegħda tagħmel talba sabiex is-siġar u l-pjanti li jinsabu quddiem ir-residenza tagħha ma jiġux miżbura mill-kuntrattur tal-Kunsill, iżda li tingħata permess sabiex tieħu ħsiebhom hi.

Talba għal użu ta' proprjetà pubblika

Il-Kunsill ma accettax din it-talba, peress li z-zona fejn jinsabu is-sigar imsemmijha huma propjeta pubblika u ghaldaqstant ma jistghux jinghataw lil persuna partikolari. Il-Kunsill cahad l-allegazzjoni li xi residenti ohra inghataw

dan id-dritt.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8:30 ta' filgħaxija

| | | |
|---|---|---|
| 15.05 | B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0460/14**, **50/0493/14, 50/0498/14, 50/0499/14, 50/0500/14 u 50/0501/14,** is-Sindku nforma il-laqgha li dawn il-bozoz kienu gew approvati mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitpoġġew fuq il-waiting list sabiex ma jinqabeż ħadd. . | Installazzjoni ta' bozoz |
| 15.06 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0513/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq vettura b'konsegwenza ta' tappiera fit-triq.<br><br>Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa. | Talba għal rimbors għall-ħsarat fuq vettura |
| 15.07 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0555/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.<br><br>Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa. | Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyre* ta' karozza |
| 15.08 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0509/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyres* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.<br><br>Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa. | Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyres* ta' karozza |
| 15.09 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0487/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.<br><br>Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa. | Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' karozza |
| 15.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal-laqgħat/*seminars* li jattendu għalihom il-membri tal-Kunsill, dwar sehem fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Irrimarkat illi l-proċedura li għandha tiġi segwita hi:-<br><br>- Kunsillier jattendi għal-laqgħat/*seminars* li jkunu ġew delegati lilu mill-Kunsill, iżda ma jistax jikkommetti lill-Kunsill f'xi proġett;<br>- Il-Kunsillier irid jippreżenta rapport ta' informazzjoni dwar il-proġett propost inkluż l-aspett finanzjarju;<br>- Ikun biss il-Kunsill li jiddeċiedi waqt seduta tal-Kunsill jekk jipparteċipax jew le. | Parteċipazzjoni tal-Kunsill fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea |
| 15.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kumpanija *Guard and Warden Service House Ltd* kienet bagħtet lill-Kunsill kopja tal-proposti li hija ressqet lill-Gvern Ċentrali dwar ir-riforma tal-Gwardjani Lokali. | Il-proposti tal-kumpanija *Guard & Warden* dwar ir-riforma tal-Gwardjani Lokali |

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija`- Seduta numru A37 u A38**

| | | |
|---|---|---|
| 16.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A37 u A38 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill | Minuti KA Baħrija A37 u A38 |

qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù - Seduta numru A40**

17.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A40 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A40

**18.00 Materji Oħra**

18.01 Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' żewġ bozoz ġodda ġewwa l-Isqaq tax-Xatba u Ġnien Fieres. Huwa fakkar li dawn iż-żewġ bozoz kienu ġew approvati mill-Korporazzjoni Enemalta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

Installazzjoni ta' bozoz fl-Isqaq tax-Xatba u Ġnien Fieres

18.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa illi hemm problema dwar il-*meter* tad-dawl li miegħu hemm imqabbad il-lift taċ-Ċentru Ċiviku u l-funtana tal-pjazza. Hija qalet li wara spezzjoni li saret mill-kuntrattur tal-Kunsill irriżulta li ma' dan il-*meter* hemm imqabbad iċ-Ċentru Ċiviku kollu. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Artijiet bil-każ, sabiex dan il-*meter* jiġi trasferit minn fuq il-*polyclinic* għal fuq id-Dipartiment tal-Artijiet u mhux fuq il-Kunsill, minħabba li ċ-Ċentru Ċiviku mhuwiex propjetà tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-*meter* tad-dawl taċ-Ċentru Ċiviku

18.03 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħataw 10 jardi konkos ġewwa tas-Sirena l-Baħrija, u li l-fondi jinħarġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill u mhux minn tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

Konkos f'tas-Sirena

18.04 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet sabiex jerġa' jitgħatta *yellow line* li nkixef fi Triq Karmena Micallef minħabba li diversi residenti qegħdin jilmentaw li qed jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

*Refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Karmena Micallef

18.05 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi informa l-laqgħa li d-dawl ta' Ġnien Bir il-Ljun reġa' mhux qiegħed jixgħel bil-lejl.

Id-dawl ta' Ġnien Bir il-Ljun mhux jixgħel

18.06 Il-Kunsillier Stephen Borg talab li ssir talba lil TM sabiex fi Triq Bir ir-Riebu jsiru xi *bollards* jew *u-bars* man-naħa ta' fejn isir il-parkeġġ tal-karozzi. Hu qal li diversi sewwieqa meta qegħdin jipparkjaw qegħdin jibqgħu deħlin fil-faċċati tar-residenti. Il-Kunsill qabel.

Ħsara fuq ħajt fi Triq Bir ir-Riebu

18.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jitnaddaf u jissaqqaf kanal tal-ilma li hemm fi Triq il-Merħliet. Huwa qal li dan il-kanal qieghed jinsadd u konsegwenza ta dan qieghed ifur u ghamel hsara lit-triq.

Kanal tal-ilma fi Triq il-Merħliet

18.08 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li ġewwa Misraħ il-Paroċċa hemm wajer mikxuf ma' faċċata ta' residenza.

*Wajer* mikxuf f'Misraħ il-Paroċċa

18.09 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-*floodlight* tan-naħa ta' *Restaurant Cosmana Navarra* mhux jixgħel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill dak il-*floodlight* hemm xi diżgwit dwaru bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-Knisja ta' San Pawl.

*Floodlight* mitfi

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija. Aġġornament

19.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9:10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014

Charles Azzopardi
Sindku

Orietta Masini Cardona
Segretarju Eżekuttiv